MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 840/2010

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Clyde Vella (K.I. 385790M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' seba' mija sitta w sebghin ewro w sitta w sebghin centezmu (€776.76) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici skont *Client Contract Number* 437888 in rigward ghal servizi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Dicembru, 2009 dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dana l-att, u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notfikat.

Sema' lill-konvenut jammetti taht gurament illi l-ammont fit-talba huwa dovut minnu u ghadu sall-lum dovut.

Illi l-konvenut esprima fix-xhieda tieghhu illi hi ma kienx f'pozizzjoni li jhallas dan l-ammont u ghalhekk xtaq illi jhallas l-ammont dovut minnu ratejalment.

It-Tribunal qed jirrileva illi x-xhud ddikjara bil-gurament tieghu quddiem dan it-Tribunal li tezisti cedola dwar depozitu ta' flus li sar in konnessjoni ma l-ammont mertu f'din it-talba.

It-Tribunal jidhirlu lli s-socjeta' attrici pprovat il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------